



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Ottubru 2010 (29.10)
(OR. en)**

15582/10

TRANS 297

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	25 ta' Ottubru 2010
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Suġġett:	Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabilità marbuta mas-sottosistema 'vetturi ferrovjarji – storbju' tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni D009791/03.

Mehmuż: D009791/03



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell,
C(2010)

D009791/03

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabilità marbuta mas-sottosistema 'vetturi
ferrovjarji – storbju' tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea**

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'

dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabilità marbuta mas-sottosistema 'vetturi ferrovjarji – storbju' tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (Nru ERA/REC/02-2010/INT) tat-30 ta' Marzu 2010,

Billi:

- (1) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004² jeħtieġ li l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") għandha tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità ("TSIs") jiġu adattati għall-progress tekniku u x-xejriet tas-suq u għall-ħtiġijiet soċjali u tipproponi lill-Kummissjoni l-emendi għat-TSIs li tikkunsidra meħtieġa.
- (2) Bid-Deċiżjoni C(2007)3371 tat-13 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni tat mandat ta' qafas lill-Aġenzija biex twettaq ċerti attivitajiet taħt id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea³ u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea⁴. Skont it-termini ta' dan il-mandat ta' qafas, l-Aġenzija mitluba twettaq ir-reviżjoni limitata tat-TSI tal-ferrovija konvenzjonali dwar il-vetturi Ferrovjarji – Storbju (minn hawn 'il quddiem TSI Storbju), adottat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/66/KE tat-23 ta' Diċembru 2005⁵.

¹ ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

² ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3.

³ ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.

⁴ ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.

⁵ ĠU L 37, 8.02.2006, p. 1.

- (3) Binarju ta' referenza li l-użu tiegħu huwa obligatorju skont it-TSI Storbju mhuwiex disponibbli f'kull Stat Membru, u l-Istati Membri ma jistgħux jiġu obligati joħlqu wieħed. Dan żamm l-iżvilupp ta' ambjent ekwu għall-atturi kollha fl-Unjoni Ewropea u ħoloq piż finanzjarju oġġla milli previst fid-Deċiżjoni oriġinali. Bosta problemi fir-rigward tad-disponibbiltà ta' binarju ta' referenza, il-metodi tat-testijiet u l-ispejjeż għat-testijiet ġew mgħarrfa lill-Kummissjoni u lill-Aġenziji.
- (4) B' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni biħsiebha tiċċara r-responsabbiltajiet fir-rigward tal-binarju ta' referenza, tippermetti l-ittestjar fuq binarju mhux ta' referenza filwaqt li tassigura ġbir u reġstrar ta' dejta komparabbli għal reviżjoni fil-ġejjieni tat-TSI, tnaqqas il-piż tal-konformità tal-prova għal lottijiet żgħar ta' vetturi u tinkludi l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-istandard ISO EN 3095.
- (5) Il-limiti tal-istorbju u l-ambitu ma jinbidlux. Din id-Deċiżjoni għalhekk tikkostitwixxi biss reviżjoni limitata tat-TSI Storbju u ma tinkludix reviżjoni sħiħa tat-TSI Storbju kif ipprovdut fit-Taqsima 7 tat-TSI.
- (6) Għal raġunijiet ta' ċarezza u sempliċità, ikun aħjar li d-Deċiżjoni 2006/66/KE tiġi ssostitwita kollha kemm hi.
- (7) Id-Deċiżjoni 2006/66/KE għandha għalhekk tiġi rrevokata.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-verżjoni riveduta tal-Ispesifikazzjoni Teknika għall-Interoperabilità (minn hawn 'il quddiem TSI) marbuta mas-sottosistema 'vetturi ferrovjarji – storbju' tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/57/KE, kif stipulat fl-Anness, hija adottata.

2. It-TSI għandha tapplika għall-vetturi ferrovjarji tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea kif iddefinita fl-Anness I għad-Direttiva 2008/57/KE.

Għandha tapplika għall-vetturi ferrovjarji ġodda u eżistenti kif stipulat fit-Taqsima 7 tal-Anness.

Artikolu 2

Meta jkun hemm ftehimiet li fihom rewiżiti marbut mal-limiti tal-emissjoni tal-istorbju, l-Istati Membri għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni, dejjem sakemm ma kinux ġa ġew innotifikati skont id-Deċiżjoni 2006/66/KE.

Il-ftehimiet li għandhom jiġu nnotifikati għandhom ikunu:

- (a) ftehimiet nazzjonali bejn l-Istati Membri u impriżi ferrovjarji jew maniġers tal-infrastruttura, maqbula fuq bażi permanenti jew temporanja u meħteġa minħabba n-natura speċifika ħa'fna jew lokali tas-servizz ferrovjarju maħsub;
- (b) ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn impriżi ferrovjarji, maniġers tal-infrastruttura jew awtoritajiet tas-sikurezza li jrendu livelli sinifikanti ta' interoperabilita' lokali jew reġjonali;
- (c) ftehimiet internazzjonali bejn wieħed jew aktar mill-Istati Membri u talanqas pajjiż terz wieħed, jew bejn impriżi ferrovjarji jew maniġers tal-infrastruttura tal-Istati Membri u talanqas impriża ferrovjarja waħda jew maniġer tal-infrastruttura wieħed ta' pajjiż terz, li jrendu livelli sinifikanti ta' interoperabilita' lokali jew reġjonali.

Artikolu 3

Il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformita', l-idoneita' għall-użu u għall-verifika tal-KE stipulati fit-Taqsima 6 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-moduli ddefiniti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru [...]⁶

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tħejji r-reviżjoni u l-aġġornament ta' dan it-TSI u tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE ('Kumitat RIS') sabiex jitqiesu l-iżviluppi fit-teknoloġija jew fir-rekwiżiti soċjali, skont il-proċedura stipulata fil-punt 7.2 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/66/KE⁷ hija rrevokata. Id-dispożizzjonijiet tagħha madankollu għandhom ikomplu japplikaw b'relazżjoni mal-manutenzjoni ta' proġetti awtorizzata skont it-TSI anness ma' dik id-Deċiżjoni u, sakemm l-applikant ma jitlobx li japplika din id-Deċiżjoni, għal proġetti għal vettura ġdida u għat-tiġdid jew l-aġġornament ta' vettura eżistenti li jkunu qegħdin fi stadju avanzat ta' żvilupp jew li jkunu s-suġġett ta' kuntratt li jkun għadu għaddej fid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kummissjoni

⁶ Għandha timtela meta tiġi adottata d-Deċiżjoni rilevanti.

⁷ ĠU L 37, 8.02.2006, p. 1.

Il-President